



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13957/18

COAFR 278
CFSP/PESC 1049
CSDP/PSDC 659
DEVGEN 210
MIGR 189
COHOM 142
COHAFA 100

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Is-Sudan - konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Novembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan kif adottati fit-3652 laqgħa tal-Kunsill fid-19 ta' Novembru 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan

1. Is-Sudan jibqa' kruċjali għall-paċi u l-istabbiltà tal-Qarn tal-Afrika inġenerali. Bl-elezzjonijiet tal-2020 fuq l-orizzont u d-dinamiċi fir-reġjun li jifih kapitulu ġdid ta' kooperazzjoni fi ħdan il-Qarn, l-UE tinsab lesta li timpenja ruħha fi djalogu u kooperazzjoni li qed jevolvu ma' Khartoum. L-involviment tal-UE ser jiddependi mill-progress muri mis-Sudan fl-impenn għal riformi interni, inkluż id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba, il-faċilitazzjoni tal-assistenza umanitarja, il-paċi sostenibbli u rwol kostruttiv fir-reġjun. Minkejja xi progress reċenti, għad fadal għadd ta' sfidi bil-pajjiż jiffaċċja diffikultajiet ekonomiċi gravi, aġenda ta' riforma politika vasta li għad trid titwettaq, livelli fuq skala kbira ta' bżonnijiet umanitarji u konflitti interni mhux riżolti. Il-progress fis-Sudan jista' jkollu effetti pożittivi fuq ir-reġjun u lil hinn minnu, inkluż fir-rigward tas-sigurtà reġjonali, il-migrazzjoni u l-kuntesti umanitarji.

2. It-tħejjijiet għall-elezzjonijiet tal-2020 għandhom ikunu opportunità għas-Sudan biex juri l-impenn tiegħu għar-riformi billi jippermetti l-parteċipazzjoni sħiħa taċ-ċittadini kollha tiegħu fi proċess politiku inklużiv u mingħajr restrizzjonijiet għad-drittijiet individwali. F'ċirkostanzi xierqa, il-Kunsill jinsab lest li jesplora l-aħjar mod kif jappoġġa lill-Gvern tas-Sudan dwar din il-kwistjoni. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jibqa' mħasseb serjament dwar l-ispazju li qed jonqos għas-soċjetà ċivili u l-persekuzzjonijiet kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-istudenti, l-attivisti politiċi, u l-ġurnalisti indipendenti u ħaddiema oħra tal-mezzi tal-informazzjoni, kif ukoll bis-sitwazzjoni għan-nisa u l-bniet. Il-Kunsill ihegġegħ lill-awtoritajiet Sudani biex jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni, l-istampa, l-aċċess għall-informazzjoni, ta' assoċjazzjoni u għaqda paċifika, f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Huwa essenzjali li l-awturi kollha ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u abbużi jinżammu responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom. Il-Kunsill jappella lis-Sudan biex jikkoopera bis-sħiħ mal-ġustizzja internazzjonali fil-ġlieda kontra l-impunità, u jfakkar fl-obbligu tal-Gvern tas-Sudan li jikkoopera mal-Qorti Kriminali Internazzjonali skont ir-Riżoluzzjoni 1593 tal-KSNU. Jibqa' essenzjali li kwalunkwe proċess ta' rieżami kostituzzjonali jkun immexxi mill-interessi kollettivi taċ-ċittadini, irrispettivament mill-ġeneru, l-età, ir-reliġjon u/jew l-isfond etniku, u jiddependi fuq kunsens fuq bażi wiesa', kif stipulat ukoll mill-Artikolu 10 tal-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza.
3. Il-Kunsill jappella lis-Sudan biex jimpenja ruħu fl-implimentazzjoni ta' aġenda ta' riforma ekonomika b'saħħitha filwaqt li jiżgura wkoll appoġġ adegwat u f'waqtu lil dawk l-aktar vulnerabbli, kif ukoll biex jaħdem mill-qrib mal-istituzzjonijiet u s-sħab finanzjarji internazzjonali. Il-Kunsill jibqa' imħasseb dwar il-kriżi ekonomika li għaddejja fis-Sudan. Ġestjoni ekonomika b'saħħitha u sistema ġudizzjarja affidabbli huma essenzjali biex titjieb il-klima tal-investment fil-pajjiż sabiex jiġu attirati investimenti diretti barranin, inkluż mill-UE.
4. Il-Kunsill ihegġegħ ukoll lill-Gvern tas-Sudan biex jaħdem lejn il-kisba tal-miri ta' żvilupp sostenibbli tal-Aġenda 2030, u jimplimenta l-Ftehim ta' Pariġi. Il-Kunsill jappella wkoll lill-atturi internazzjonali kollha impenjati fl-appoġġ għas-Sudan, biex jagħmlu dan b'mod trasparenti u f'konformità mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp tal-pajjiż.

5. Il-Kunsill ihegġegħ lill-partijiet kollha għall-konflitti fis-Sudan biex jaħtfu l-opportunità u juru impenn ġenwin biex jagħmlu aktar progress fin-negozjati ta' paċi. Id-dikjarazzjonijiet reċiproċi tal-Waqfien tal-Ostilitajiet unilaterali fid-Darfur, il-Kordofan tan-Nofsinhar u l-Blue Nile kienu pass fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, l-implimentazzjoni komprensiva tal-Pjan Direzzjonali tal-Grupp ta' Implimentazzjoni ta' Livell Għoli tal-Unjoni Afrikana dwar is-Sudan (AUHIP) jibqa' l-bażi għal paċi sostenibbli li jtemm il-konflitti armati li ilhom għaddejjin. F'dan ir-rigward, l-UE tilqa' u tappoġġa l-isforzi ta' medjazzjoni li għaddejjin immirati biex tinstab soluzzjoni politika għall-konflitti.
6. Filwaqt li l-kondizzjonijiet fuq l-art jibqgħu volatili u riversibbli, il-Kunsill jinnota li s-sitwazzjoni tas-sigurtà f'żoni milquta mill-konflitt tgiebet. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Gvern tas-Sudan biex jagħmel mill-aħjar li jista' biex jipprovdi sigurtà u servizzi bażiċi fid-Darfur, il-Kordofan tan-Nofsinhar u l-Blue Nile. L-iżgurar tar-rispett sħiħ lejn l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tal-persuni ċivili, il-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni interkomunali u l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-konflitt għandhom jingħataw prijorità. Il-Kunsill jinnota l-importanza tal-Operazzjoni ibrida Unjoni Afrikana – Nazzjonijiet Uniti fid-Darfur (UNAMID) u jirriafferma s-sejħa għal strateġija tal-ħruġ tal-UNAMID skont parametri ta' referenza, kif ippreżentata mis-Segretarju Ġenerali tan-NU. Il-Kunsill itenni l-hteġa li jkun żgurat li l-kisbiet li saru fl-aħħar deċennju f'termini ta' stabbiltà u żvilupp fid-Darfur jiġu kkapitalizzati ulterjorment u kwalunkwe nuqqas fil-protezzjoni tal-persuni ċivili, fl-appoġġ għall-proċess ta' paċi u fil-monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem jiġi evitat. Il-Kunsill jappella lill-Gvern tas-Sudan biex jikkoopera man-Nazzjonijiet Uniti, inkluż it-Tim Speċifiku għall-Pajjiż (Country Team) tan-NU, sabiex tiġi żgurata transizzjoni b'suċċess minn żamma tal-paċi għal bini tal-paċi.
7. Il-Kunsill jilqa' l-parteċipazzjoni tas-Sudan fil-Proċess ta' Khartoum u fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta u jirrikonoxxi r-rwol tiegħu fl-ospitar ta' għadd kbir ta' persuni li jfittxu l-asil, refuġjati u migranti. L-UE, partikolarment permezz tal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika (EUTF), tibqa' impenjata li ttipprovdi appoġġ lir-refuġjati, il-persuni spostati fpajjiżhom u l-komunitajiet ospitanti tagħhom fis-Sudan.

8. Is-Sudan għadu affettwat mill-kriżijiet umanitarji fuq skala kbira, marbuta mal-konflitt intern, il-malnutrizzjoni, l-instabbiltà reġjonali, id-diżastri naturali u t-tibdil fil-klima. Il-bżonnijiet umanitarji żdiedu aktar minħabba l-fluss kontinwu 'il ġewwa tar-refuġjati tas-Sudan tan-Nofsinhar, u huma ggravati aktar mill-kriżi ekonomika u r-rati ta' inflazzjoni li qed jogħlew. Il-Kunsill jappella lill-Gvern tas-Sudan, kif ukoll lill-movimenti armati biex jiggarrantixxu aċċess umanitarju sikur, fil-ħin u bla xkiel, inkluż mill-aġenziji tan-NU, lil dawk kollha fil-bżonn, inkluż f'żoni milquta mill-konflitt fid-Darfur, il-Kordofan tan-Nofsinhar u l-Blue Nile f'konformità mal-liġi umanitarja internazzjonali. Il-Kunsill jappella lil-Gvern biex jiffaċilita l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-ġbir ta' data indipendenti, billi huma kruċjali għal rispons effiċjenti u fil-ħin. L-UE tibqa' impenjata li tipprovdi appoġġ lil nies fil-bżonn ta' assistenza u protezzjoni umanitarja. L-UE ser tkompli wkoll tħaddem ir-rabta bejn il-ħidma umanitarja u l-iżvilupp, f'koordinazzjoni mal-isforzi ta' paċi u ta' stabilizzazzjoni, permezz tal-interventi tagħha.
9. Il-Kunsill jappella lis-Sudan biex jimpenja ruħu b'mod kostruttiv f'appoġġ għall-istabbiltà fir-reġjun, partikolarment permezz ta' proċess immexxi minn korpi internazzjonali u reġjonali rilevanti. Bħala stat littorali tal-Baħar l-Aħmar u pajjiż max-xatt tan-Nil, is-Sudan għandu rwol ġeopolitiku kruċjali fil-Qarn tal-Afrika inġenerali; bħala membru tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD), huwa involut fil-proċess ta' paċi fis-Sudan tan-Nofsinhar. Il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv it-taħditiet trilaterali li għaddejjin bħalissa bejn l-Eġittu, l-Etjopja u s-Sudan dwar id-Diga Grand Ethiopian Renaissance. Il-Kunsill jappella wkoll lis-Sudan biex jaħdem mill-qrib mal-UA u l-komunità internazzjonali b'appoġġ għall-Inizjattiva Afrikana għall-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana.